MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 941/2009

**GO plc – C22334**

**vs**

**Fino Futuro Limited – C12899**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u sittin ewro u tnejn u sittin centezmu (€560.62) rapprezentanti ammont li ghadu dovut inkonnessjoni mas-servizz tat-*telephone* li ggib in-numru SC7036 kif jirrizulta minn dokument anness ma' l-istess avviz u mmarkat bhala Dok "A", bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 15 ta' Jannar 2010 fejn gie affermat li s-socjeta` konvenuta qatt ma giet

interpellata sabiex thallas dan il-kont. *In oltre* tablet sabiex jigi esebit il-kuntratt mertu ta' dan il-kont in kwistjoni li allegatament gie ffirmat mis-socjeta` konvenuta. Inghad ukoll fl-istess eccezzjonijiet li ma jistax wiehed jitlob imghax fuq l-imghax; u fl-ahhar nett gie eccepit b' mod generiku illi t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont ma kien dovut, u *oltre* saret riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal ezamina d-dokumenti esebiti senjatament dawn a fol 12 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta illi s-servizz fil-fatt kien inghata lis-socjeta` konvenuta u ffirmat minn Italo Fino li skont l-istess dokumenti kien awtorizzat jiffirma ghall-istess socjeta` konvenuta.

Ezamina *in oltre* x-xhieda tal- PL Noel Scerri li kkonferma sew id-dokumenti minnu esebiti u kif ukoll l-ammont li ghadu dovut mertu ta' din il-kawza.

Gie nnotat illi ghal darba ohra r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta u l-konsulent legali taghhom baqghu ma dherux fis-seduta tallum u lanqas ma resqu xi nota ulterjuri fil-konfront tad-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta u *quindi* jilqa' it-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u sittin ewro u tnejn u sittin centezmu (€560.62), bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' din l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------